MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2006

Numru 1202/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**vs**
**Ruth Psaila**
**Malcolm Demanuele**
**-Omissis-**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra-
**Ruth Psaila** ta' 38 sena, bint Gerald u Antonia nee' Barbara, mwielda Pieta fil-21 t'Awissu, 1968, residenti gewwa numru 30, Triq Censu Borg, Hamrun u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 329368(M);
**Malcolm Demanuele** ta' 22 sena, bin Joe u Doreen nee' Kitcher, imwieled Pieta fid-9 ta' Jannar, 1984, residenti gewwa 'Qalb ta' Gesu', Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 63184(M) u ta

**-Omissis -** ta' 17-il sena, bint Carmel u Ruth nee' Psaila, mwielda Pieta fis-27 t'Awissu, 1989, residenti gewwa numru 30, Triq Censu Borg, Hamrun u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 416589(M)

Talli fil-Hamrun u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Novembru, 2006 u fix-xhur precedenti;

1. Ghal qliegh jew ghat-taqssim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifatturajtu, stampajtu jew xort'ohra ghamiltu, jew dahhaltu f'Malta, jew akkwistajtu, zammejtu, iccirkolajtu jew esportajtu xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxen jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

2. Innegozjajtu f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak jew wera' xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Rat l-atti tal-kawza u stante ammisssjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Wara li rat l-artikoli 208 (1) u (2) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa ta' kull imputat, u ghalhekk dawn ghandhom jitqiesu bhala "first offenders";

Wara li l-Qorti kienet accertata mill-prosekuzzjoni illi d-DVD esebit ma jikkontjeni ebda materjal dwar minorenni u li r-rejat kien jikkonsisti fl-ikkuppjar ta' DVD fejn l-imputati kienu intercettati b'zewg kopji. Ikkontemplat illi ghal-dan ir-rejat allura hemm il-piena massima ta' prigunerija ta' sitt xhur jew il-multa jew it-tnejn flimkien.

Minflok li tikkundannhom ghall-piena ta' prigunerija qed tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa

zmien sentejn mill-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 oltre li tikkundanna lil Malcolm Demanuele u Ruth Psaila ghal-hlas ta’ multa ta’ Lm100 kull wiehed fuq l-ewwel akkuza u mitt lira kull wiehed fuq it-tieni akkuza u fil-konfront ta’ **-Omissis-** stante li din hija minorenni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9, tnaqqas il-piena bi grad u tikkundannaha ghal hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira fuq kull akkuza;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti mnn din is-sentenza, tordna il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti esebiti u tordna d-divjet ta’ pubblikazzjoni ta’ isem il-minorenni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------